# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 593/96 NA**

**Tara Chemicals Limited**

**vs**

**Avukat Dottor Joselle Farrugia w il-Prokuratur Legali Madeline Firman li b'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Marzu 1996 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' assenti Yantai, Metals, Minerals and Machinery, Import and Export Corporation of 33 Shi Fu Jie Yan Tai, China; u b'digriet tat-13 ta' Jannar 1998 Dottor Joselle Farrugia giet sostitwita bl-Avukat Dottor Tonio Mallia.**

**Klawsola ta' Arbitragg - Verifika ta' firem - Artikolu 634 (1) u 635 (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta - Dokument bhala prova.**

**Kopja ta' dokument mhux awtentikat ma jistax jikkostitwixxi prova partikolarment kontra min jichad li l-firma fuq dak id-dokument ma hijiex il-firma tieghu.**

**Il-Qorti tista' tasal ghall-verifika tal-firem mit-taqbil u minn cirkostanzi ohra kif jipprovdi l-Artikolu 635 (d) ta' l-istess Kapitolu 12.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Frar, 1996 fejn ippremettiet:

"Illi s-socjeta' attrici fit-22 ta' Mejju 1994 u qabel xtrat minghand is-socjeta' konvenuta f'diversi partiti oggetti konsistenti f'*galvanised malleable iron pipe fittings* ta' diversi qisien;

Illi dawn il-*malleable iron pipe fittings* mhumiex tal-kwalita' pattwita u dan skond verifiki li saru minn ezami ta' l-Universita' ta' Napoli fl-Italja li kopja taghha qed tigi hawn annessa w immarkat bhala Dokument "A" u ggib id-data tat-30 ta' Settembru 1994;

Illi dawn il-*galvanised malleable iron pipe fittings* kellhom ikunu impermeabbli u cioe *leak proof* pero' fil-fatt kif jirrizulta mill-fuq imsemmi certifikat kienu permeabbli;

Illi dawn l-oggetti kienu gew mibjugha mis-socjeta' konvenuta mill-atturi b'valur ta' US$ 72,910.40 ekwivalenti ghal cirka Lm27,000.

Illi s-socjeta' attrici kkonsenjat dawn l-oggetti go warehouses f'Napli, l-Italja biex ikunu jistghu jigu mibjugha lil terzi haga li ma tistax taghmel peress li mhumiex ta' kwalita' pattwita u difettuzi;

Illi s-socjeta' attrici qieghdha thallas spejjez ta' magazzinar ammontanti ghal cirka Lm5,000 u dan sal-gurnata tal-lum b'riserva ghal danni ulterjuri;

Illi s-socjeta' konvenuta qed tippretendi l-hlas mis-socjeta' attrici minkejja li s-socjeta' konvenuta accettat li tiehu l-merkanzija lura skond korrispondenza tat-28 ta' Gunju 1995 hawn annessa w immarkata bhala Dokument "B";

Illi b'*fax* tas-17 ta' Lulju 1995 is-socjeta' attrici ntrabtet li tibghat lura dawn l-oggetti basta li l-kreditu ta' US$72,910.40 ekwivalenti ghal cirka Lm27,000 jigi kkancellat immedjatament u l-bejgh jigi dikjarat null u rexiss u dan kif

jirrizulta mid-dokument hawn annessa u mmarkat bhala Dokument "C";

Illi s-socjeta' konvenuta bieghet lis-socjeta' attrici *galvanised malleable iron pipe fittings* mhux tal-kwalita' pattwita u difettuzi kif del resto issa gie accettat mis-socjeta' konvenuta u b'konsegwenza ta' dan is-socjeta' attrici sofriet danni konsistenti f'telf ta' profitt, hlas ta' *freight* inutilment kif ukoll spejjez ta' magazzinar ta' l-oggetti fuq imsemmija oltre danni ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

TALBET li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna u ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi l-bejgh ta' diversi partiti ta' *galvanised malleable iron pipe fittings* tat-22 ta' Mejju 1994 u qabel, mis-socjeta' konvenuta ma kienux tal-kwalita' pattwita u kienu difettuzi;

2. tiddikjara u tiddeciedi per konsegwenza ta' dan li l-bejgh ta' dawn l-oggetti lis-socjeta' attrici ghandha tigi dikjarata nulla u rexissa stante illi l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita' pattwita;

3. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konsistenti f'telf ta' profitt fuq il-bejgh tal-merkanzija, spejjez ta' magazzinar ta' dawn l-oggetti u spejjez ancillari ohra konsistenti fi *freight* kif ukoll spejjez li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

5. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 853/96 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti li gew esebiti minnha in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Marzu 1996 fejn gew nominati l-Avukat Dottor Joselle

Farrugia w il-Prokuratur Legali Madeline Firman bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lis-socjeta' konvenuta assenti minn dawn il-Gzejjer.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi tal-24 ta' Jannar, 1997 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet fil-meritu fi stadju ulterjuri.

Effettivament il-Qorti giet mitluba differiment ghal dan l-iskop mill-kuratur Dottor Joselle Farrugia fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1997 u dan wara li jirrizulta li hija kienet kitbet lis-socjeta' konvenuta fit-22 ta' Jannar 1997 fol 27). F'din is-seduta wkoll stante n-natura teknika tal-kaz il-Qorti nnominat lil Alfred Camenzuli bhala Perit Tekniku.

Il-kuraturi deputati pprezentaw Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata Ulterjuri fil-5 ta' Gunju 1997 fejn eccepew ulterjorment:

1. "Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, stante li ai termini tal-kuntratt ta' bejgh datat 20 ta' Mejju 1997 (Dokument "JG1") u

partikolarment klawsola numru 7, liema kuntratt jirregola l-bejgh ta' l-oggetti meritu tal-kawza odjerna, kwalunkwe tilwima ghandha tigi deciza permezz ta' Arbitragg;

2. Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-gudizzju mhuwiex integru stante illi s-socjeta' konvenuta bieghhet l-oggetti meritu tal-kawza odjerna lis-socjeta' attrici kif ukoll is-socjeta' estera NA. RL. S.R.L. ta' Napoli, Italia, kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh precitat (Dokument "JG1");

3. Fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

B'digriet tat-13 ta' Jannar 1998 il-kuratur deputat Dottor Joselle Galea giet sostitwita bil-kuratur Dr. Tonio Mallia li kien imiss skond l-elenku wara talba taghha stess b'rikors tas-17 ta' Settembru 1997.

Ghal xi zmien il-process ma kienx a disposizzjoni tal-Qorti (ara verbali tat-13 ta' Marzu u 4 ta' Novembru 1998.

Ir-rapport gie pprezentat fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2000 u mahluf f'dik tas-27 ta' April 2000.

Fir-rapport tieghu l-Perit Tekniku kkonkluda:

> "*Illi wara li huwa ezamina kwantita' ta' din il-merkanzija ("at random"), liema merkanzija kienet galvanised malleable iron pipe fittings ta' qisien li kienu jvarjaw minn pulzier sa erba' pulzieri, rrizulta illi dawn huma ta' kwalita' ferm inferjuri, u dan ghal dak li jirrigwarda l-kamin taghhom, b'rizultat illi dawn ikollhom konsegwenza ta' tnixxija meta jkunu mimlijin jew ghaddej likwidu minnhom.*
>
> *Illi dawn jistghu jigu ppruvati aktar jekk isir "water pressure test" fuqhom. Izda anke minghajr dan, il-kwalita' taghhom hija tant inferjuri illi wiehed jassumi li anke minghajr dan it-test dawn ma humiex ta' livell accettabbli ghal xoghol li ghalih gew manifatturati;*
>
> *Illi parti mill-kamini fil-maggoranza taghhom ghandhom t-"threads" li ma humiex uniformi, u ghalhekk jaghmluhom ferm difficli li jaghlqu "air tight".*"

Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2000 gew ittrattati l-eccezzjonijiet preliminari. Gie miftiehem illi l-kuratur kellu jipprokura l-original tad-dokument a fol. 36 u 37 tal-process filwaqt illi l-atturi kellhom jivverifikaw jekk il-firma fuq l-istess dokument kenitx dik ta' xi Direttur tas-socjeta' attrici. Fis-seduta tas-6 ta'

Ottubru 2000 gie imbaghad verbalizzat: "*Fl-ewwel lok l-attur ikkonferma li hu kien qed jikkontesta l-firma fuq id-dokument esebit fis-sens li din il-firma ma kenitx il-firma ta' l-ebda mid-diretturi tas-socjeta' attrici. Il-Qorti trid li sad-differiment li jmiss is-socjeta' attrici tipprezenta kopja awtentikata ta' dokument ufficjali li fih hemm il-firma tad-diretturi kollha tas-socjeta' attrici. Dr. T. Mallia talab l-ahhar differiment ghall-iskop tal-verbal precedenti.*" Id-dokument ufficjali fil-forma tal-Memorandum & Articles of Association ta' l-istess socjeta' gie pprezentat fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2000 mil-liema dokument is-socjeta' attrici sostniet li minn dan id-dokument minnha pprezentat kellu jirrizulta li l-firem fuq id-dokument in kwistjoni a fol. 36 u 37 tal-process ma kenitx il-firma ta' ebda mid-Diretturi ta' l-istess socjeta' attrici. Il-kuratur deputat imsejjah diversi drabi ma deherx u wara li d-difensur tas-socjeta' attrici nforma lill-Qorti "*Dr. Edward Debono nforma lill-Qorti li Dr. Mallia kien infurmah li hu kien kiteb lid-ditta estera minghajr ma ha twegiba.*", il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum in difett ta' ostakolu w il-Qorti ma tara li jezisti ebda ostakolu l-ghala din is-sentenza ghandha tinghata, almenu in parte, u dan nonostante l-fatt li huwa vverbalizzat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza stante li huwa ovvju sew mill-provi li tressqu sew mit-trattazzjoni li

saret fl-4 ta' Lulju 2000 illi din is-sentenza tista' tkun biss wahda parzjali immirata lejn l-ewwel zewg eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel lok fir-rigward tat-tieni eccezzjoni huwa minnu illi d-Dokument "JG1" a fol. 36 tal-process huwa intestat f'isem mhux biss Tara Aerosol Product Co. Ltd. izda wkoll f'isem is-socjeta' estera NA. RL. S.R.L. ta' Napoli l-Italja. Din l-intestatura hija pero' mnizzla bil-kitba u huwa ovvju li tnizzlet f'xi zmien wara li giet ittajpjata l-intestatura tas-socjeta' attrici ghax li kieku kienet tkun ittajpjata bl-istess mod. Di piu' l-korrispondenza li giet skambjata fir-rigward ta' din il-merkanzija kienet dejjem u biss bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta (ara fol. 6 u 7 tal-process). Huwa infatti sufficjentement car mid-dokument a fol. 7 tal-process li s-socjeta' estera Taljana ma kienet xejn hlief l-agent jew is-*shipper* tas-socjeta' attrici, jew possibbilment it-tnejn. "*We have already communicated with N.A.R.A. Srl who are packing same on our behalf and shipping them directly to China.*" (Fax tas-17 ta' Lulju 1995 mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta meta deher li din il-vertenza setghet tigi rizolta billi

l-merkanzija in kwistjoni tintbaghat lura c-Cina). Dawn ir-ragunijiet u dan apparti mir-ragunijiet li sejrin jinghataw fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni dwar l-awtenticita' tad-dokument esebit a fol. 37 iwasslu lill-Qorti biex tichad din l-eccezzjoni bl-ispejjez.

Ikkunsidrat:-

Illi wkoll ghar-ragunijiet li sejrin jinghadu din il-Qorti sejra tikkonsidra l-ewwel eccezzjoni preliminari in kwantu l-allegata nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-istess Qorti u dan kif jista' jirrizulta mill-klawsola 7 tal-ftehim allegatament ezistenti bejn il-partijiet liema klawsola 7 kienet tipprovdi ghal-arbitragg f'kaz ta' xi tilwima jew kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar dan il-bejgh. Minkejja diversi differimenti moghtija lis-socjeta' konvenuta, tramite l-kuratur deputat Dr. Tonio Mallia, biex tigi esebita l-kopja originali ta' l-iskrittura a fol. 37 tal-process, din il-kopja ma giet qatt esebita jew lanqas almenu ma giet esebita kopja awtentikata taghha. A tenur ghalhekk tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 627 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dan id-dokument ma jistax jitqies bhala prova kontra s-socjeta' attrici partikolarment meta s-socjeta' attrici posittivament iddikjarat li l-firma fuq l-istess skrittura ma kentix

ta' Direttur ta' l-istess socjeta' (Artikolu 634 (1) tal-Kapitolu 12). Din id-dikjarazzjoni wasslet lill-Qorti biex, kif indikat aktar kmieni f'din is-sentenza, titlob ghal dokument ufficjali li fih kien hemm il-firem tad-Diretturi kollha tas-socjeta' attrici. Dan id-dokument huwa l-Memorandum & Articles li gew esebiti li fuqhom hemm il-firma ta' l-erba' diretturi tas-socjeta' attrici. Ezami ta' dawn il-firem komparati mal-firma fuq id-dokument in kwistjoni jindikaw bic-car li ebda wahda minn dawn il-firem ma hija l-firma ta' xi Direttur tas-socjeta' attrici. Dan gie verifikat mill-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 635 (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma hemmx in-necessita' ta' xi prova ta' natura ohra fir-rigward ta' din il-firma hlief li l-Qorti zzid tghid illi apparti mit-taqbil li ghamlet hemm ukoll cirkostanzi ohra bhal post fuq id-dokument fejn hija maghmulha din il-firma li jiggustifikawa fil-konkluzzjoni li waslet ghaliha a bazi ta' l-Artikolu 635 (d) fuq imsemmi.

Fin-nuqqas ta' ezistenza ta' din il-klawsola ta' arbitragg jew ahjar fin-nuqqas illi l-ezistenza taghha giet ippruvata bil-mezzi rikjesti mil-ligi l-Qorti ma ghandhiex dubbju illi tasserixxi l-gurisdizzjoni taghha f'kaz fejn wahda mill-partijiet hija personalita' guridika Maltija, fejn l-obbligazzjoni qed tigi

esegwita f'Malta, fejn l-oggetti jinstabu Malta u fejn anke l-obbligazzjoni sussidjarja bankarja originat minn Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet anke din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija michuda bl-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.